Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10199 — Goldman Sachs/Advania)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 90/05)

1. Fid-9 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Goldman Sachs Group, Inc. ("Goldman Sachs", ir-Renju Unit),

— Advanvia AB ("Advania", l-Isvezja).

Goldman Sachs takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Advania kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Goldman Sachs: ditta globali ta' investiment bankarju, garanziji u ġestjoni ta' investimenti li tipprovdi firxa wiesgħa ta' servizzi madwar id-dinja għal bażi ta' klijenti diversifikata li tinkludi korporazzjonijiet, istituzzjonijiet finanzjarji, gvernijiet u individwi b'valur nett għoli,

— Advania: korporazzjoni tas-servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni li toffri soluzzjonijiet totali integrati għall-komunità tan-negozju li tinkludi software, hardware u servizzi ta' manutenzjoni u tħaddim. Hija tipprovdi firxa ta' servizzi relatati mal-IT, pjattaformi, servizzi cloud, u appoġġ lil intrapriżi multinazzjonali, gvernijiet, u negozji, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10199 — Goldman Sachs/Advania

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË